# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Frar, 2001**

**Kawza Numru:   28**
**Citazzjoni Numru: 96/98/RCP**

**Elia Psaila**

**vs**

**Mary Lourdes Annondale**

**Il-Qorti,**

**I.  PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur sellef s-somma ta' Elfejn u hames mitt lira lill-konvenuta bl-ghola rata tal-imghax permess mill-Ligi;

Illi l-konvenuta hallset lura il-kapital dovut izda naqset li thallas l-imghaxijiet kollha fil-fatt hallset biss ta' sena wahda li ammontaw ghal Lm200;

Illi, fuq dan s-self ghad fadal bilanc ta' interessi li ghadhom ma thallsux, u li jammontaw ghal-Elf lira Maltin {Lm1,000} sal;

Illi ghalkemm interpellata biex thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu tal-konvenuta fil-konfront tal-attur, huwa cert, likwidu u skadut ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess attur jikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tal-attur il-konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti;

L-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuta debitrici tal-attur fis-somma ta' LM1000;

1a. Tikkundanna l-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elf lira (Lm1000).

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dipensa tas-smiegh ai termini tal-Art 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legal u bl-ispejjez, inkluz ipprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni u ta’ ittra ufficjali datata

erbghatax ta' Novembru, 1997, kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 u 6 tal-process;

Rat ir-rikors ta' Elia Psaila tat-28 ta' Jannar 1998 a fol 10 tal-process;

Rat il-verbal tat-13 ta' Frar 1998 fejn il-Qorti rat l-Artikolu 167 tal-Kap 12 u wara li kkonstatat illi t-talba hija wahda biex il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma ta' Lm1000 cahdet it-talba biex il-kawza ssir bid-dispensa tas-smiegh u ordnat illi l-istess kawza ssir fil-kors ordinarju taghha. Il-Qorti provdiet ukoll fuq ir-rikors ta' l-attur tat-28 ta' Jannar 1998 billi wara li rat l-Artikolu 175 tal-Kap 12 laqghet it-talba w ordnat il-korrezzjoni mitluba. Fic-cirkostanzi tat ghoxrin jum zmien min-notifika tac-citazzjoni kif korretta ghall-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Mejju 1998 ghall-kontinwazzjoni.

Rat ir-rikors ta' Elia Psaila tat-18 ta' Frar 1998 a fol 13 tal-process u d-digriet tal-Qorti ta' l-20 ta' Frar 1998 fejn ordnat il-korrezzjoni fic-citazzjoni billi tigi nserita domanda ohra indikat bl-ittra 1A li tghid: "Tikkundanna l-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf lira (Lm1,000).

Rat il-verbal tas-seduti tal-20 ta' Mejju 1998, tat-28 ta' Ottubru 1998, ta' l-20 ta' Jannar 1999 u tal-21 ta' Mejju 1999 fejn Dr Joseph Chetuci ghall-attrici ddikjara li l-konvenuta qeghda taffettwa pagamenti permezz ta' *post-dated cheques* li qed jissarfu regolarment, u talab differiment fit-tul biex il-konvenuta tilhaq thallas il-meritu. Dr Vassallo kkonferma dak li ghadu kemm gie ddikjarat u adderixxa mat-talba. Il-kawza giet differita ghas-16 ta' Frar 2000 ghall-probabbli cessjoni.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Frar 2000 u tat-12 t'April 2000 fejn Dr Simon Galea Testaferrata talab biex sa fejn hu possibbli jipprezenta l-provi tieghu bil-procedura tal-affidavit. Il-Qorti laqghet it-talba, u l-kawza giet differita ghad-29 ta' Mejju 2000 ghall-prezentata u n-notifika ta' dawn l-affidavits; tad-29 ta' Mejju 2000 u tal-24 ta' Ottubru 2000 fejn il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif presjeduta, u Dr Chris Soler ghall-attur informa l-Qorti li s-sorte ta' Lm1,000 thallas lilu, u prezenta nota ta' cessjoni tas-sorte. Il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenuta ghall-14 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbali ta' l-14 ta' Dicembru 2000 u tal-15 ta' Jannar 2001 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u nfurmaw lill-Qorti li l-partijiet ftehmu biex jitransigu l-kawza. Il-kawza giet differita ghac-cessjoni ghat-30 ta' Jannar 2001 b'dan li jekk ma tkunx se ssir din ic-cessjoni dak in-nhar il-Qorti tisma' l-provi kollha fuq il-kap tal-ispejjez.

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 2001 fejn Dr Simon Galea Testaferrata ghall-attur talab li l-kawza tibqa' ghas-senenza fuq l-ispejjez. Dr John Vassallo msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez ghat-22 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din is-sentenza titratta dwar il-kap tal-ispejjez, peress illi l-attur fl-24 ta' Ottubru 2000 ipprezenta nota ta' cessjoni tas-sorte izda zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Illi din il-kawza nfethet peress illi l-attur kien sellef lill-konvenuta s-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin bl-ghola rata tal-imghax permess mill-Ligi. Illi l-konvenuta halset lura l-kapital dovut pero` ma halsitx l-imghaxijiet kollha hlief ta' sena wahda. In fatti, l-attur sostna li kien ghad fadal bilanc ta' nteressi li kienu jammontaw ghall-elf lira Maltin, u dan kien il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi l-konvenuta, min-naha taghha, ghalkemm giet debitament notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh, baqghet kontumaci. Illi l-istess konvenuta bdiet thallas l-

ammont dovut ta' nteressi permezz ta' *post dated cheques* li kienu qed jissarfu regolarment u dan sakemm halset l-ammont kollu mertu ta' din il-kawza. Illi kwindi ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez dawn ghandhom jithalsu kollha mill-konvenuta peress li kienet konxja tal-fatt li hi kellha thallas l-imghaxijiet fuq dak li kienet isselfet. Inoltre` hi ma ressqet l-ebda prova ghaliex m'ghandiex tigi kkundannata thallas l-ispejjez.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi stante l-hlas u cessjoni tas-sorte, tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u dwar il-kap ta' l-ispejjez tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Frar, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Frar, 2001**